MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 276/2004

**Michael Cutajar f'ismu proprju u ghan-nom ta' Mary Rose mart Michael Bristow, assenti minn Malta; Joseph Cutajar f'ismu proprju u ghan-nom ta' Leonard Cutajar assenti minn Malta; u Marjohn Cutajar**

**Vs**

**S.C. & Company Limited numru ta' registrazzjoni C6050 u b'digriet tat 8 ta' Ottubru 2004 gew kjamati fil-kawza Salvatore, Salvino, Charles u Leonarda Cutajar.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors tar-rikorrenti** li permezz tieghu ppremettew:

1. Illi huma lkoll huma azzjonisti tas-socjeta' ntimata. Illi l-azzjonijiet gewwa din is-socjeta' huma maqsumin hekk kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| Michael Cutajar | 200 sehem | 10 fil-Mija |
| Joseph Cutajar | 200 sehem | 10 fil-Mija |
| Leonard Cutajar | 200 sehem | 10 fil-Mija |
| Marjohn Cutajar | 200 sehem | 10 fil-Mija |
| Mary Rose Bristow | 200 sehem | 10 fil-Mija |
| Charles Cutajar | 200 sehem | 10 fil-Mija |
| Salvino Cutajar | 200 sehem | 10 fil-Mija |
| Salvatore Cutajar | 300 sehem | 15 fil-Mija |
| Leonarda Cutajar | 300 sehem | 15 fil-Mija |

Vide Statut Socjali hawn ezebit u markat Dokument "A".

2. Illi kif jidher mill-mod kif inhuma mqassmin l-azzjonijiet tal-kumpanija, jirrizulta li l-azzjonisti huma l-genituri Salvatore u Leonarda Cutajar u s-seba' wliedhom, Michael, Joseph, Leonard, Marjohn, Mary Rose, Charles u Salvino. Leonarda Cutajar (l-omm) hija l-unika direttur. Il-kumpanija kienet topera fl-isfera tan-negozju tal-artijiet, u jirrizulta li tippossjedi assi patrimonjali ngenti.

3. Illi bejn il-membri tal-familja sfortunatament hemm dizgwid generali li ilu jippersisti ghal diversi snin. Originalment is-sitwazzjoni kienet illi l-missier (Salvatore) flimkien ma' wliedu Charles u Salvino kienu qeghdin izommu naha, filwaqt li l-omm (Leonarda) u l-ulied l-ohrajn, Michael, Joseph, Leonard, Marjohn u Mary Rose kienu qeghdin izommu n-naha l-ohra.

4. Salvatore u Leonarda ghamlu snin separati *de facto*, u l-incidenti ta' bejniethom ma naqsux. F'dawn l-incidenti, ossija fil-konsegwenzi taghhom ingidbu t-tfal ukoll. Kien hemm diversi tentattivi sabiex jinbdew kawzi ta' separazzjoni (permezz ta' rikors quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili) sew minn naha u sew minn ohra, izda proceduri kontenzjuzi ma nfethu qatt. Hemm ukoll numru ta' kawzi pendenti quddiem din il-Qorti li jinvolvu l-azzjonisti jew uhud minnhom u l-kumpanija ntimata. Dawn il-kawzi huma s-segwenti:

Salvatore Cutajar vs S.C. & Co. Ltd (citazzjoni 615/2000JA) li permezz taghha Salvatore Cutajar qed jitlob li jithallas minghand il-kumpanija somma ta' mijiet ta' eluf ta' liri li hu jghid li silef lill-kumpanija *brevi manu*. Il-kumpanija ghandha kontro-talba ghad-danni kawzati mill-attur f'dik il-kawza minhabba amministrazzjoni hazina. Fil-frattemp Salvatore Cutajar kien ottjena mandat ta' inibizzjoni kontra l-kumpanija sabiex ma tiddisponi minn ebda proprjeta'. Dan il-mandat ghadu in vigore.

Salvatore Cutajar vs S.C. & Co. Ltd (citazzjoni 375/2001 TM) li permezz taghha Salvatore Cutajar qed jitlob li jithallas minghand il-kumpanija *somma da liquidarsi* bhala kumpens ghal servigi rezi bhala amministratur;

Salvino Cutajar vs S.C. & Co. Ltd et (l-azzjonisti kollha l-ohrajn) (citazzjoni 2233/1998 GC) li permezz taghha, Salvino Cutajar qed jallega li prokura li kien ta lill-ommu Leonarda, sabiex din tivvota ghan-nom tieghu f''laqgha straordinarja tal-kumpanija, li fiha nbidel l-istatut socjali, kienet ivvizzjata b'qerq u b'vjolenza. Iktar ricentement il-Qorti li qieghdha tippresjedi din il-kawza ppermettiet li tizdied il-kawzali tal-inkapacita' mentali tal-attur. Hemm pendenti rikors ghall-permess biex isir appell minn dan id-digriet. Fuq rikors ta' missieru stess, Salvino Cutajar kien gie dizabilitat mis-Sekond Awla, u kien tqabbad kuratur missieru stess. Meta hutu r-rikorrenti kienu oggezzjonaw ghal dan, tqabbad l-Avukat Dottor Philip Manduca li ghadu jokkupa l-hatra sal-lum.

Keith Abela Fitzpatrick vs S.C. & Co. Ltd (citazzjoni numru 224/2001 TM) li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu rifuzjoni ta' flus avvanzati minnhom bhala depozitu fuq konvenju dwar bicca art li l-kumpanija kienet ser tbiegh lil Abela Fitzpatrick. Ghall-motivi tal-mandat t'inibizzjoni u motivi ohrajn dwar permessi, l-konvenju kien skada. Il-kumpanija kkjamat fil-kawza lil Salvatore ghaliex irrizulta li dan kien approprija ghalih innifsu xi akkonti minn dan id-depozitu. Il-kawza jista' jkun li tigi tranzatta.

5. Minn dan jidher li l-kumpanija tinsab ipparalizzata u mifnija b'inkwiet etern. Is-sena li ghaddiet

kienu saru xi tentattivi qosra sabiex jinbeda djalogu dwar il-qasma tal-kumpanija, izda r-rikorrenti sabu li missierhom Salvatore ma riedx jinnegozja lanqas jirraguna. Ried biss jiddetta. It-trattattivi waqfu hesrem.

6. F'dawn l-ahhar xhur jidher li kien hemm avvicinament bejn Salvatore Cutajar u Leonarda Cutajar (il-missier u l-omm). Ma jirrizultax li sehhet rikonciljazzjoni fis-sens tal-ligi. Izda fejn qabel Leonarda kienet qieghdha zzomm in-naha tar-rikorrenti u tibbilancja ossija tghin li jigu newtralizzati l-eccessi tal-missier (Salvatore). Illum jidher lampanti li Leonarda qed izzomm il-parti tal-missier, u qieghdha taqbel mieghu f'kollox.

7. Hija qieghdha tuza l-posizzjoni taghha ta' direttur sabiex twieghed lil Salvatore kumpens u artijiet tal-kumpanija minghajr ma tikkonsulta ma' l-azzjonisti rikorrenti li bejnhom ghandhom nofs il-kumpanija. Di fatti fil-kawzi kollha li huma pendenti, qed jintalbu differimenti minn naha ta' Salvatore Cutajar, minhabba li dan issa qed jghid li huwa ftiehem fuq kollox mal-kumpanija jew illi wasal biex jiftiehem. Ricentement fl-udjenza quddiem din il-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia (citazzjoni numru 375/2001 TM) l-istess Salvatore Cutajar fil-prezenza ta' Leonarda Cutajar ezebixxa zewg dokumenti li kopja taghhom hi hawn ezebita bhala dokumenti "B" u "C". Id-dokument "B" jghid testwalment hekk:

*"Jiena Leonarda Cutajar, id-direttura (sic) tal-kumpanija S.C. & Co. Ltd qed naghti l-ghalqa tat-Torri tal-Ghallis bhala kumpens (sic) ta' 18 (tmintax) il-sena xoghol fil-kumpanija fuq imsemmija S.C. & Co. Ltd, minflok il-kumpens ta' Lm85,000 li qieghed jitlob Salvu Cutajar, ir-ragel tieghi."*

*Omissis.*

Id-dokument "C" jghid testwalment hekk:

*“Jiena Charles Cutajar (omissis),niddikjara li naqbel li missieri Salvu Cutajar ghandu d-dritt ghall-kumpens (sic) ta’ 18 (tmintax) il-sena xoghol fil-kumpanija S.C. & Co. Ltd., u naqbel ukollilli ommi, Leonarda Cutajar, bhala direttura tal-imsemmija kumpanija S.C. & Co. Ltd. li ccedi l-art tat-Torri tal-Ghallis minflok l-m85,000 li missieri kien qed jitlob bhala kumpens.*

*Nixtieq niddikjara wkoll li, la jien u lanqas huti kollha, qatt ma hdimna jew tajna s-sehem taghna fil-kumpanija msemmija. Ir-raguni kien ghaliex konnna ghadna tfal zghar. Fil-fatt missieri, Salvu Cutajar, biss kien jinnegozja fil-kumpanija.”*

*Omissis.*

8 Ghar-rikorrenti l-portata ta’ dawn iz-zewg dikjarazzjonijet, hija ominuza. Huma ma jaqblu assolutament xejn mal-fatt li missierhom Salvatore huwa dovut xi kumpens, u wisq inqas huma qeghdin jaqblu fuq dik ic-cifra ta’ kumpens li giet stabbilita arbitrarjament minnu, u minn ommhom l-unika direttur fil-kumpanija. Ukoll huma ma jaqblux li l-imsemmija art tat-Torri tal-Ghallis tiswa biss Lm85,000 izda hija fost l-aqwa artijiet li ghandha l-kumpanija, u li ghandha l-potenzjal li tkun tiswa miljuni ta’ Liri fil-gejjieni.

9. Fis-sottomissjoni tal-esponenti dan l-agir tad-direttur tal-kumpanija ghan-nom tal-istess kumpanija huwa ta’ pregudizzju serju ghalihom u ghall-interessi taghhom fl-istess kumpanija. Jidher car li hemm theddida bil-miktub illi assi mportanti tal-kumpanija jistghu jigu disposti a favur ta’ wiehed mill-azzjonisti kontra r-rieda espressa ta’ nofs l-azzjonisti tal-kumpanija.

10. Ir-rikorrenti ulterjorment jissottomettu illi dan l-agir jinkwadra ruhu fid-dispozizzjonijet tal-Art. 402 tal-Kap. 386 li jghid:

Harsien ta’ azzjonisti kontra pregudizzju mhux gust. Emendat: IV.2003.156.

402. (1) Kull membru ta’ kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b’mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x’aktarx se jkunu, oppressivi b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, ghal membru jew membri jew b’mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista’ jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.

(2) Omissis.

(e) Jordna lill-kumpanija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpanija li jibdew, jiddefendu, jkomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f’isem u ghan-nom tal-kumpanija; jew

(f) Jipprovdi ghall-hlas ta’ kumpens minn dik il-persuna li tista’ tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu garrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni; jew

(g) Omissis.

(4) Omissis.

(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista’ jehtieg lill-kumpanija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatur taghha.

(6) F’dan l-artikolu, il-kelma “membru” tinkludi persuna li legalment tista’ tirraprezenta l-interessi ta’ membru mejjet, persuna li ghandha jkunu ghaddew legittimament azzjonijet fil-kumpanija b’wirt testamentarju jew mhux testamentarju, u nominee licenzjat kif imfisser fl-artikolu 127 ta’ dan l-Att, li jkollu f’ismu azzjonijiet fil-kumpanija ghan-nom ta’ u fl-interessi ta’ persuna ohra li beneficjarment ikollha jedd ghalihom.

11. Illi f’dawn ic-cirkostanzi jidher li hemm lok li din l-Onorabbli Qorti issib li jezistu elementi bizzejjed sabiex

tiddetermina li membri ta' kumpanija qeghdin jilmentaw li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

12. Illi ghandu jidher ukoll li din l-Onorabbli Qorti ghandha tifforma l-fehma li dan l-ilment huwa bazat sewwa u li ghalhekk huwa gust u ekwu li tordna li jittiehdu dawn il-mizuri nfraskritti:

A. Illi qabel xejn din l-Onorabbli Qorti tordna lid-direttur Leonarda Cutajar sabiex ma tiddisponi minn ebda proprjeta' tal-kumpanija a favur ta' Salvatore Cutajar, qabel ma jinqatghu definittivament il-kawzi li huwa qed jaghmel kontra l-kumpanija.

B. Illi preferibbilment tordna s-sostituzzjoni tad-direttur Leonarda Cutajar b'persuna ohra li jew tgawdi l-fiducja tal-azzjonisti kollha, jew fin-nuqqas tinghazel persuna ndipendenti mill-istess Qorti.

C. Illi sakemm isir dak miktub fil-para. B, tordna li l-kumpanija tibqa' tiddefendi ruhha fil-proceduri kollha li qeghdin imsemmija f'dan ir-rikors, u li tintlahaq biss transazzjoni jekk din tkun tgawdi l-kunsens tal-maggoranza tal-azzjonisti.

D. Tordna illi kemm il-darba sar xi att li huwa ta' pregudizzji ghall-azzjonisti skond kif ilmentat f'dan ir-rikors, jew b'mod iehor li ghadu mhux maghruf lir-rikorrenti, izda li jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni, dan l-att jigi rexiss u mahlul.

E. Tordna li jekk hemm bzonn l-istatut tal-kumpanija jinbidel sabiex ma jippermettix agir arbitrarju minn direttur wiehed.

F. Tordna li d-direttur jew kwalsiasi persuna ohra responsabbli ghal dan l-agir oppressiv ikunu kkundannati jaghmlu tajjeb ghal kull telf li jistghu jsofru r-rikorrenti.

Ghall-motivi msemmija r-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddekreta adezivament mar-rikors u taghmel id-dikjarazzjoni msemmija fis-sens li ssib li jezistu elementi bizzejjed sabiex tiddetermina li membri ta' kumpanija qeghdin jilmentaw li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

U konsegwenzjalment taghti dawk ir-rimedji jew uhud minnhom skond kif elenkati fil-paragrafu 13 ta' dan ir-rikors.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' ntimata.

Rat **ir-risposta ta' S.C. & Company Limited** a fol. 25 tal-process fejn eccepiet:

Fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru billi huwa mportanti li f'gudizzju simili jkunu prezenti l-azzjonisti u kredituri kollha tas-socjeta' ntimata;

Illi fit-tieni lok mhux minnu li hemm id-dizgwiet lamentat mir-rikorrenti. Il-pozizzjoni ta' dina s-socjeta' hija li dina twieldet bhala socjeta' familjari u giet kostitwita principalment bix-xoghol u l-istinkar ta' Salvu u Leonarda Cutajar li kienu l-genituri tal-azzjonisti l-ohra kollha. Fil-fatt l-azzjonisti l-ohra kienu gew imdahhla fis-socjeta' meta kienu ghadhom tfal minorenni, b'att ta' generosita' da parti tal-genituri. Illi huwa minnu li kienu nqalghu diversi kwistjonijiet bejn id-diversi partijiet pero' dawn illum jinsabu superati u l-kumpanija tista' titmexxa l-quddiem minghajr inkwiet fil-pozizzjoni li tinsab illum. Illi inoltre l-missier Salvatore Cutajar huwa dovut somom sostanzjali ta' flus mill-kumpanija li huwa kien avvanza biex tista' taghmel in-negozju taghha, apparti li hu dovut lilu hlas ta'

xoghol li hu ghamel biex il-kumpanija tista’ tingieb il-quddiem. Ghalhekk ma hemm xejn ominuz kif allegat mir-rikorrenti sija fil-pretensjonijet ta’ Salvatore Cutajar sija fil-ftehim li dan lahaq ma’ martu d-direttrici ta’ dina s-socjeta’ biex jinzamm il-paci u tirrenja l-armonija bejniethom.

Illi ghalhekk mhux lok li din l-Onorabbli Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha fis-sens rikjest mir-rikorrenti.

Illi se mai anke jekk il-Qorti ssib il-lok li tezercita xi diskrezzjoni dan m’ghandux ikun fis-sens mitlub mir-rikorrenti imma billi taghti rimedji ohra li jassikuraw veru gustizzja versu l-partijiet kollha fil-kawza.

Rat id-digriet taghha a fol 33 u 43;

Rat in-nota a fol 225;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tar-rikorrenti;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti ghamlu dina l-kawza a bazi ta’ l-artikolu 402 tal-Kap 356 l-Att dwar il-Kumpaniji. Dan l-artikolu jipprovvdi li:

(1) Kull membru ta’ kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b’mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x’aktarx se jkunu, oppressivi b’mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b’mod mhux gust ta’ pregudizzju, ghal membru jew membri jew b’mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista’ jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu dan l-artikolu.

Illi jigi rilevat qabel xejn illi fil-mori tal-kawza u precisament fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2004 dina l-Qorti kienet tghat ordni provvisorju li fil-pendenza ta' dana r-rikors id-Direttur Leonarda Cutajar ma ccedí u tammetti l-ebda wahda mill-kawzi msemmija fir-rikors. Inoltre ai fini ta' l-ewwel eccezzjoni kien inghata provvediment biex jissejjhu fil-kawza Salvatore, Salvino, Charles u Leonarda Cutajar (ara fol 43).

**Provi**

Illi r-rikorrenti qed jissottomettu li jezistu elementi bizzejjed biex il-Qorti tiddeciedi li l-affarijiet tal-kumpanija qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li huma, jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta pregudizzju ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

Bhala raguni ghal dana l-intimati jghidu li l-kjamati fil-kawza jridu jaqghaluhom barra mill-kumpanija billi qed jippruvaw igieghluhom icedu *shares* taghhom, ammontanti ghal nofs il-kumpanija u jammettu l-kawzi li hemm kontra l-kumpanija.

Isostnu li ommhom, Leonarda Cutajar, bhala direttrici trid tghaddi ghalqa tal-kumpannija lir-ragel taghha bhala kumpens ghax xoghol li allegatament hu ghamel fil-kumpanija fl-ammont ta' Lm85,000 meta dina tiswa ferma aktar u ghalhekk huma mhux qed jaqblu li dina l-ghalqa tinghata.

Ir-rikorrenti jghidu li huma m'ghandhomx aktar fiducja fid-direttrici billi din mhiex qed timxi fl-interess tal-kumpannija imma qed taghmel biss dak li jghid il-missier, Salvatore Cutajar kontra l-interessi tal-kumpanija. Huma ghalhekk iridu li jkun hemm direttur iehor li ghandu l-fiducja taghhom biex it-tnejn f'daqqa jiddeciedu ghall kumpanija.

Fid-19 ta' Mejju 2006 ir-rikorrenti pprezentaw nota fejn elenkaw lista' ta' ilmenti ulterjuri li sehhew fil-mori tal-

kawza (ara fol 225/6) konsistenti principalment fil-fatt li mhux qed isiru *general meetings* u jintbghatu t-*Tax Returns* u ghalhekk ser jehlu l-multi.

Min-naha ta’ l-intimati/kjamati fil-kawza (u l-Qorti hawn tinnota li xehed biss Salvatore Cutajar b’affidavit) xehed Salvatore Cutajar fejn qal li xi zmien ilu uliedu (hlief Charles u Salvino) u martu kienu iltaqghu biex jnehhuh minn Direttur uniku tal-kumpanija li kien imexxi wahdu u li l-assi taghha kien bniehom huwa b’hiltu matul iz-zmien. Uliedu bdew jaghmlu kuntratti ta’ bejgh mill-kumpanija favur taghhom stess u terzi persuni u lilu ma tawhx xejn, ghalhekk kellu jiftah kawzi l-Qorti biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Wara dan kollu martu rat li l-affarijiet ma kienux sew u riedet twaqqaf kollox ghax l-affarijiet ma kienux qeghdin isiru bil-*fair* ghall kulhadd.

**Dikjarazzjoni dwar pregudizzju**

Illi mill-atti jirrizulta li l-ilmenti principali tar-rikorrenti huma li l-kumpanija issa ma tistax topera minhabba d-disgwid li hemm bejn is-*shareholders* u d-direttur billi l-assi gew ffrizati u hemm kawzi l-Qorti, u fit-tieni lok, huma mhux qed jaqblu li Salvatore Cutajar ghandhu jigi kkumpensat kif qed tahseb li taghmel Leonarda Cutajar, id-direttrici tal-kumpanija.

Fi kliem ir-rikorrenti dak li qed jigi kontestat minnhom huwa li d-drittijiet taghhom bhala azzjonisti jridu jigu rispettati u r-rikors sar appuntu biex it-theddida kontinwa kontra d-drittijiet taghhom tigi mrazzna. (ara nota ta’ sottomissjonijiet para 9). Qed jirrifjutaw huma jinghataw *plots* minflok is-*shares* li ghandhom fil-kumpanija meta s-*shares* jiswew hafna aktar minn dawn il-*plots*.

Ir-rikorrenti qed joggezzjonaw ukoll li Leonarda Cutajar taghti kumpens konsistenti fl-artijiet tal-kumpanija lill Salvatore Cutajar minghajr ma tikkonsulta l-azzjonisti tal-kumpanija li ghandhom bejniethom nofs il-kumpanija. Huma fil-fatt ma jaqblux li hu dovut xi kumpens lill Salvatore Cutajar u lanqas ma jaqblu li l-art li Leonarda trid tghaddilu lill zewgha tiswa biss Lm85,000. Huma

jsostnu li l-agir tad-direttur tal-kumpanija huwa ta' pregudizzju serju ghalihom u ghall interessi tal-kumpanija billi hemm theddida bil-miktub illi assi importanti tal-kumpanija jista jigi dispost favur wiehed mill-azzjonisti a skapitu u kontra r-rieda espressa ta' nofs l-azzjonisti tal-kumpanija.

Illi l-intimati ftit li xejn ressqu provi biex ixejnu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti. Fl-eccezzjonijiet taghhom qed jghidu li mhux minnu li hemm id-dizgwid lamentat mir-rikorrenti. Dwar dana l-Qorti taghmel biss referenza ghall kawzi kriminali u civili li hemm bejn il-partijiet.

In sostanza Salvatore Cutajar qed jeccepixxi li l-kumpanija hija tieghu u li huma dovuti diversi sommom sostanzali ta' flus lilu ghax xoghol li ghamel fil-kumpannija. Jidher pero' li Salvatore Cutajar mhux qed jiddistingwi bejn dak li hu tieghu personali u dak li hu tal-kumpanija, li hija entita' separata u distinta minnhu.

Illi r-rikorrenti setghu jippromovu dina l-azzjoni maghrufa bhala l-*unfair prejudice remedy* billi huma, bhala azzjonisti, ghandhom nofs il-kumpanija, (ara Artikolu 402(6) tal-Kap 356) u ghalhekk huma 'membri' kif jitlob l-artikolu 402(1).

Illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li

(a) *l-affarijiet tal-kumpanija* jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li…
(b) jew li xi *att jew ommissjoni tal-kumpannija* kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu,

oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

Illi l-ilmenti tar-rikorrenti huma diretti kontra d-direttur Leonarda Cutajar ghall atti taghha bhala direttur tal-kumpanija billi mhux qed tmexxi l-affarijiet tal-kumpanija

kif suppost fl-interess generali tal-kumpanija imma fl-interess ta' azzjonisti partikolari, kif ukoll billi qed tonqos mill-obbligi imposti fuqha mill-ligi dwar il-kumpaniji. (ara nota dwar ilmenti ulterjuri fol 225/6).

Il-ligi taghna ma taghtiex spjegazzjoni ta' x'inhu *oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju* Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b'kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista' tintervjeni f'dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba *unfair dealing* fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta' pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew. F'dan ir-rigward, il-Qorti trid tezamina u tizen l-interessi konfliggenti ta' gruppi separati fl-istess kumpanija a termini ta' l-artikoli ta' assoccjazzjoni taghha u l-iskop u l-intenzjoni wara t-twaqqif tal-kumpanija (ezempju l-kaz ta' *legitimate expectation*).

Applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li dwar il-kwistjoni tal-kumpens dovut lill Salvatore Cutajar u jekk dan hu dovut, dina l-Qorti kif adita, generalment ma tidholx f'kwistjonijiet u materji li jehtiegu l-gudizzju kummercjali tal-kumpanija. Aktar u aktar meta hemm kawza ohra pendenti dwar l-istess kwistjoni. Ghalhekk dina l-kwistjoni ghandha tigi deciza mill-Qorti li quddiemha hemm din il-vertenza.

Dwar il-kwistjoni fuq it-theddid li qed isir biex ir-rikorrenti jcedu s-*shares* taghhom fil-kumpanija, hi fehma ta' dina l-Qorti li r-rikorrenti ghandhom interess li l-intimati/kjamati fil-kawza ma jaghmlu xejn li jista' jippregudikahom b'mod mhux gust fl-interessi taghhom, li fil-kaz in ezami jammonta ghal nofs il-kumpannija.

Dwar l-ilmenti l-ohra, rigward in-nuqqasijiet fit-tmexxija tal-kumpannija, il-Qorti hi tal-fehma li dawn ghandhom jigu rimedjati kif se jinghad aktar il-quddiem.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li fil-kaz in ezami hemm lok li dina l-Qorti tiddekreta adezivament ir-rikors u taghmel id-

dikjarazzjoni mitluba fis-sens li ssib li jezistu elementi bizzejjed sabiex tiddetermina li l-affarijiet tal-kumpanija qed jitmexxew b'mod mhux gust u ta' pregudizzju ghall nofs l-azzjonisti tal-kumpanija.

**Rimedji**

Ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tordna li jittiehdu dawn il-mizuri:

1. Illi qabel xejn din l-Onorabbli Qorti tordna lid-direttur Leonarda Cutajar sabiex ma tiddisponi minn ebda proprjeta' tal-kumpanija a favur ta' Salvatore Cutajar, qabel ma jinqatghu definittivament il-kawzi li huwa qed jaghmel kontra l-kumpanija.

2. Illi preferibbilment tordna s-sostituzzjoni tad-direttur Leonarda Cutajar b'persuna ohra li jew tgawdi l-fiducja tal-azzjonisti kollha, jew fin-nuqqas tinghazel persuna ndipendenti mill-istess Qorti.

3. Illi sakemm isir dak miktub fil-para. B, tordna li l-kumpanija tibqa' tiddefendi ruhha fil-proceduri kollha li qeghdin imsemmija f'dan ir-rikors, u li tintlahaq biss transazzjoni jekk din tkun tgawdi l-kunsens tal-maggoranza tal-azzjonisti.

4. Tordna illi kemm il-darba sar xi att li huwa ta' pregudizzji ghall-azzjonisti skond kif ilmentat f'dan ir-rikors, jew b'mod iehor li ghadu mhux maghruf lir-rikorrenti, izda li jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni, dan l-att jigi rexiss u mahlul.

5. Tordna li jekk hemm bzonn l-istatut tal-kumpanija jinbidel sabiex ma jippermettix agir arbitrarju minn direttur wiehed.

6. Tordna li d-direttur jew kwalsiasi persuna ohra responsabbli ghal dan l-agir oppressiv ikunu kkundannati jaghmlu tajjeb ghal kull telf li jistghu jsofru r-rikorrenti.

Illi skond l-artikolu 402(3) tal-Kap 356 "Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) jew (2), il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li

hekk taghmel, il-qorti tista’ taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa – fosthom li

(*e*) tordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f’isem u ghan-nom tal-kumpannija; jew

(*f*) jipprovdi ghall-hlas ta’ kumpens minn dik il-persuna li tista’ tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni;

(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista’ jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.

Il-Qorti meta qieset kollox u ezaminat il-fatti kollha tal-kaz hi tal-fehma li ghandhom japplikaw l-infraskritti provvedimenti:

Bhala rimedju, l-ewwelnett tikkonferma id-digriet taghha tat-8 ta’ Ottubru 2004 u tordna li Leonarda Cutajar, bhala Direttur, ma ccedí u tammetti l-ebda wahda mill-kawzi msemmija fir-rikors, (jekk ghadhom ma gewx decizi) u konsegwentement f’dan ir-rigward Leonarda Cutajar m’ghandha tiddisponi minn ebda proprjeta’ tal-kumpanija a favur ta’ Salvatore Cutajar, qabel ma jinqatghu definittivament il-kawzi li huwa qed jaghmel kontra l-kumpanija.

It-tieni tordna li jinhatar direttur iehor, accettabbili ghar-rikorrenti, biex jirrapprezenta l-50% share li huma ghandhom fil-kumpanija, u jsiru l-emendi necessarji fl-istatut tal-Kumpannija f’dan is-sens.  Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghal dak li xehdet Astrid Farrugia li llum r-rapprezentanza tal-kumpanija hi jointly f’erba azzjonisti tal-kumpannija

It-tielet li jsiru l-*Annual General Meetings* u l-*Audited Accounts* skond il-ligi u jintbghatu r-*Tax Returns*.

Dwar it-talba ghad-danni minhabba telf li allegatament qed isofru r-rikorrenti, dina t-talba hija intempestiva in vista ta' dak li jipprovvdi l-artikolu 402(f) tal-Kap 356 stante li hadd ghadu ma nstab responsabbili mill-Qorti ghall hsarat allegatament kagjunati.

Dwar it-talba ghar-rexizzjoni ta' xi atti li setghu saru, l-Qorti tiddeciedi li mhemmx lok li jinghata rimedju billi ma giex pruvat liema huma l-atti li ghandhom jigu rexissi jew jigu dikjarati nulli.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' t-talbiet attrici u

taghmel id-dikjarazzjoni mitluba fis-sens li ssib li jezistu elementi bizzejjed sabiex tiddetermina li l-affarijiet tal-kumpanija qed jitmexxew b'mod mhux gust u ta' pregudizzju ghall nofs l-azzjonisti tal-kumpanija.

Bhala rimedji, tikkonferma id-digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 2004 u tordna li Leonarda Cutajar, bhala Direttur, ma cedí u tammetti l-ebda wahda mill-kawzi msemmija fir-rikors, (jekk ghadhom ma gewx decizi) u konsegwentement f'dan ir-rigward Leonarda Cutajar m'ghandha tiddisponi minn ebda proprjeta' tal-kumpanija a favur ta' Salvatore Cutajar, qabel ma jinqatghu definittivament il-kawzi li huwa qed jaghmel kontra l-kumpanija.

Tordna li jinhatar direttur iehor, accettabbili ghar-rikorrenti, biex jirrapprezenta l-50% share li huma ghandhom fil-kumpanija, u jsiru l-emendi necessarji fl-istatut tal-Kumpannija f'dan is-sens. Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghal dak li xehdet Astrid Farrugia li llum ir-

rapprezentanza tal-kumpanija hi *jointly* f'erba' azzjonisti tal-kumpanija.

Tordna li jsiru l-*Annual General Meetings* u l-*Audited Accounts* skond il-ligi u jintbghatu r-*Tax Returns*.

Spejjez ghall kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------